MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 534/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Maryanne Gauci u b'digriet ta' 3 t'April 2003 it-Tribunal jordna l-kjamat in kawza ta' Angela Galata u Michele Belfiore**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija tmienja u ebghin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm548.97) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 314265 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A,B u C)**

**Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif ukoll bl-ispejjez tal-ittra nterpellatorja kontra l-konvenuta datata 24 ta' Lulju, 2002 li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Maryanne Gauci fil-25 ta' Marzu, 2003, fejn intqal :**
**Illi preliminarjament nitlob illi jigu kjamati in kawza Angela Galata u Michele Belfiore stante illi huma repsonsabbli ghall-hlas ta' hames mija tmienja u erbghin lira Maltin u seba' u disghin centezmi (Lm548.97), kif jigi spjegat aktar fid-dettall fil-kawza.**
**Illi l-konvenuta m'ghandha taghti l-ebda flus lil Maltacom u ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra d-digriet tat-3 ta'April, 2003 fejn it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza ta' Angela Galata u Michele Belfiore.**
**Ra r-risposta tal-kjamati fil-kawza Angela Galati u Michele Belfiore ipprezentata fl-14 ta' Novembru, 2003 fejn intqal illi:**
**1. Preliminarjament in-nullita' tal-avviz attrici fil-konfront tal-eccipjenti stante li huma cittadini taljani, ma jifhmux il-lingwa Maltija u kwindi l-avviz kif formulat ma jsegwix il-voti tal-Ligi ghall-persuni li ma jifhmux il-Malti.**
**2. L-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontradditturi stante illi huma qatt ma ghamlu uzu tas-servizz telefoniku li tieghu qed jintalab il-hlas fl-avviz attrici u qatt ma kellhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.**
**3. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-azzjoni attrici hija fi kwalunkwe kaz preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16.**
**4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez tal-eccipjenti kontra s-socjeta' attrici jew kontra l-istess Maryanne Gauci.**

**Semgha x-xhieda ta' PL Noel Scerri, Maryanne Gauci, Paul Busuttil, Richard Carabott, Raphael Naudi, Nutar Marco Burlo. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal linja tat-telephone bin-numru 314265 skond il-ftehim Dok A milhuq mal-konvenuta fit-8 ta' April, 1996. Il-konvenuta qed tghid li l-ammont mhux dovut minnha izda minn Angela Galata u Michele Belfiore li ghalhekk gew kjamati in kawza. Il-kjamati in kawza eccepew il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 u qed ighidu li mhumiex il-legittimi kontraditturi ghax qatt ma ghamlu uzu minn dan is-servizz.**

**2. Il-kjamati in kawza ecepew in-nullita' ta' l-avviz peress li huma ta' nazzjonalita' barranija pero' din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz ta' digriet ta' l-14 ta' Novembru 2003 li bih gie ordnat li tinghata traduzzjoni bl-ingliz lill-kjamati in kawza.**

**3. Bhala fatti s-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont hu dovut skond id- dokumenti esebiti. Il-kont jidher li jirrigwarda perjodu bejn il-11 ta' Mejju, 1999 sa s-7 ta' Ottubru, 2000 (Dok C esebit).**

**4. Maryanne Gauci l-konvenuta tikkonferma li l-linja msemmija kienet taghha u li f'Novembru 2000 bieghet il-post lill-kjamati in kawza. L-istess Gauci tikkonferma li l-kont kien ta' hames mitt lira pero' ma setghetx thallas u ghalhekk il-kjamata in kawza Angela Galata kienet ghamlet post dated cheques, u l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500.00) kellu jitnaqqas mill-ammont tal-prezz tal-bejgh tal-post.**

**5. In-Nutar Marco Burlo kien ghamel il-kuntratt ta' bejgh u skond ma xehed l-istess Nutar kienu damu hafna waqt il-kuntratt propju minhabba problemi li qamu minhabba s-servizz telefoniku. Skond l-istess**

**Nutar il-ftehim finali kien illi jitnaqqas ammont tal-prezz tal-bejgh kif gia nghad. In-nutar f'dan il-kuntest xehed kif ser jinghad: "ma kienx hemm dikjarazzjoni fis-sens illi l-prezz gie ridott, izda zammew ammont illi bih kienu ser jaghmlu tajjeb ghas-servizzi, ghall-arretrati li kien hemm. Galata u Belfiore kienu dahlu responsabbli ghall-ammont dwar is-servizzi, pero' dan ma kienx gie rifless fil-kuntratt."**

**6. Fil-fatt jirrizulta illi kienu saru trattattivi ma' diversi nies tas-socjeta' attrici kif xehdu Raphael Naudi u Richard Carabott mill-customer service u Paul Busuttil Principal fil-Legal Office.**

**7. Richard Carabott jikkonferma li f'Novembru, 2000 Angela Galata u l-konvenuta kienu kellmuh fis-sens li kien hemm ftehim bejniethom li l-ammont li kellha thallas Maryanne Gauci kien ser jithallas minn Angela Galata.**

**8. Ghalhekk jidher illi fil-fatt kien hemm tassew ftehim bejn Maryanne Gauci u l-kjamati in kawza sabiex dawn ihallsu huma l-kontijiet pendenti u ghal dan il-ghan kien inghata lilhom depozitu fis-sens illi zammew parti mill-prezz dovut lill-konvenuta fuq il-bejgh tal-post.**

**9. Ghalhekk ma tistax tigi akkolta definittavament l-eccezzjoni tal-kjamati in kawza li mhumiex il-legittimi kontradittturi, peress li jirrizulta illi huma kienu accettaw li jaghmlu uzu mis-servizz.**

**10. Giet eccepita l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16. It-Tribunal jirrileva illi tali artikolu ma hux applikabbli ghal kaz in kwistjoni u ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi respinta.**

**11. Ghalhekk jirrizulta illi l-kjamati in kawza kellhom f'idejhom ammont sabiex ikopru s-servizz imsemmi u ghaldaqstant ghal dan l-ammont ghandhom jirrispondu l-kjamati fil-kawza ghal hlas mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-kjamati fil-kawza inkluza l-eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16, qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront biss tal-kjamati fil-kawza u**

**jikkundanna lill-istess Angela Galata u Michele Belfiore jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tmienja u ebghin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm548.97). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum. In vista tal-fatt illi s-sitwazzjoni li nholqot kienet ferm responsabbli ghaliha l-konvenuta, t-Tribunal fic-cirkostanzi qed jikkundannaha thallas l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-kjamati in kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------